MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2006

Numru 411/1998

**Il-Pulizija**
**(Supt. Alexandra Mamo)**

**vs**

**Gino Tabone ta' 38 sena iben il-mejjet Nazzareno u Ersilia nee Lowell, imwieled Sliema fis-17/2/60 u residenti 'Il-Kantuniera', Triq C. Troisi, Ta' l-Ibragg, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 150260 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Gino Tabone li gie akkuzat talli f'dawn il-gzejjer, matul dawn l-ahhar snin, b'diversi ati maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess

dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

B'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, ghamel qligh ta' aktar minn Lm 3,000 dannu ta' Joseph Saliba, Herman Mallia u persuni ohra, dan ir-reat sar bi ksur ta' l-artikoli 308 u 310(1) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji a fol 10 tal-process.

Rat li l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkonsidrat

Illi kif jirrizulta ben car mill-atti processwali l-akkuzat dejjem hareg post dated cheques, ben konsapevoli pero' illi hu fid-data tal-hrug tac-cheque, mhux fid-data meta kellu jissarraf ma kellux flus bizzejjed fil-kont relattiv biex jigi onorat l-istess cheque. Illi pero' ghalkemm din il-prassi ma hija xejn desiderabbli u certament cheque meta jinhareg huwa ntiz li jiggarantixxi hlas, pero' ma tistax il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjonijiet ta' l-abbli Difensur u l-Ufficjal Prosekutur illi hawn manka element kostituttiv ghar-reat in dizamina u cioe il-messa in xena li tiggenera l-ingann taht l-artikolu 308 tal-Kapitlu 9.

Oltre dan il-Qorti anke jekk thares lejn l-artikolu 309 tal-Kapitlu 9, in kwantu l-piu comprende l-meno, lanqas ma tista' tkun soddisfatta illi Gino Tabone wera qerq <u>semplici</u> (a differenza ta' dak aktar gravi taht l-artikolu 308) li jwassal ghal dan ir-reat.

Frankament ghalkemm certament Gino Tabone ghamel qligh sostanzjali a detriment tal-kredituri tieghu, pero' ma jirrizultax li dan sar bl-element ta' qerq.

Ghaldaqstant qed tilliberah mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------